**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 288/2015**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2130/15, fl-ismijiet**

**Reuben Bonnici għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà Automated Revenue Services Limited noe**

**vs**

**Anthony Debattista (KI 434748M)**

**Illum, 26 ta' Settembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tal-intimat rikorrenti li jgħid hekk:

*"Illi r-rikorrenti ġie notifikat bl-ittra uffiċjali de quo fejn intalab iħallas is-somma ta' €2,142.82 allegatament rapprezentanti bilanċ*

*ta' ilma, elettriku kera ta' meters, spejjez amministrattivi connection u disconnection fees u imgħax relatat mas-servizz bin-numru 1010000048591 provdut mill-Enemalta plc u l-Korporazzjoni tas-Servizz tal-Ilma;*

*Illi fil-fatt dan is-servizz jirreferi għal servizz ta' elettriku u ilma fil-garaxx bl-indirizz 81, St Anthony Garage, Triq Farsons Ħamrun;*

*Illi l-vertenza tal-lum tmur lura madwar ħames u għoxrin sena, meta r-rikorrenti kien qed iqabbel il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tad-dar tiegħu ma' tal-garaxx imsemmi u skopra li fuq l-istess garaxx kien qed iħallas kontijiet ferm ogħla minn tad-dar. Irrizulta li dan kien qed jiġri minħabba li l-garaxx kien klassifikat bħala kummerċjali;*

*Illi jingħad li dan il-garaxx kien garaxx ta' mad-dar u ma kienx jintuza għal skopijiet kummerċjali;*

*Illi għal dan il-għan, ir-rikorrenti mar l-Enemalta sabiex jirreġistra ilment. L-iskrivan li kien qed jieħu ħsieb l-ilment tar-rikorrenti infurmah li kienu ser jibgħatu lil persuna sabiex tagħmel inspection;*

*Illi għaddew ftit xhur u ma mar ħadd. Ir-rikorrenti reġa' ċċekkja l-kontijiet, sab li kienu għadhom l-istess u reġa' mar l-Enemalta għat-tieni darba biex jara x'kien sar mill-ilment tiegħu;*

*Illi fil-fatt, dakinhar stess għamlulu appuntament u saret l-inspection fil-garaxx. L-inspector kien kejjel il-garaxx u rrizulta li kellu kejl ta' 19-il pied tul minn naħa, 21 pied tul minn naħa l-oħra*

*u 15-il pied fil-wiesa'. Bħala stat ta' fatt kienu joqgħodu fih żewġ karozzi zgħar ħdejn xulxin;*

*Illi dakinhar stess l-inspector kien infurmah li l-garaxx imsemmi ma kienx jaqgħa taħt garaxx kummerċjali u li kien ser isir aggustament fil-kont;*

*Illi madanakollu, l-aggustament qatt ma sar, u r-rikorrenti irrifjuta li jħallas il-kont. Eventwalment is-servizz inqata ftit snin wara, circa fl-1996;*

*Illi fil-fatt għalkemm il-meter tad-dawl għadu mwaħħal dan huwa meter antik bir-rota;*

*Illi f'dan il-garaxx ilu ma jkun hemm dawl u ilma għal kwazi għoxrin sena;*

*Illi f'dan ir-rikors qed isir ai termini tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi ssir referenza wkoll għall-proviso tal-Artikolu 466(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: '...d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-riġward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter';*

*Illi r-rikorrenti jissottometti illi gialadarba huwa kien ikkontesta l-kont tad-dawl u l-ilma msemmi, tant illi s-soċjetà mittenti bagħtet inspector fuq il-post li kkonferma li r-rikorrenti kellu raġun, u tali kontestazzjoni seħħet ferm qabel id-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà mittenti ma setgħetx tuza l-procedura kontemplata fl-artikolu msemmi;*

*Illi inoltre, mingħajr pregudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat m'huwiex dovut mir-rikorrenti u dan għal raġunijiet li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tar-rikors;*

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti u fid-dawl tal-provi li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti qiegħed ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jopponi t-talba kif dedotta mill-mittenti u umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara l-istess talba bħala waħda infondata, salv għal kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*

Rat ukoll ir-risposta tas-soċjetà' rikorrenti intimata li tghid hekk:

*"Illi t-talba kif kontenuta fir-rikors tal-intimat hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontrieh u dan għar-raġunijiet seġwenti:*

1. *Illi l-intimat huwa debitur tal-esponenti fl-ammont ta' elfejn mija tnejn u erbgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€2,142.82) liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' l-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrativi, connection u disconnection fees, flimkien ma'*

*imgħax dovut fuq l-ammont skond il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000048591 ossia dwar il-fond bl-indirizz 81, St Anthony Garage, Triq Farsons, Ħamrun liema ammont jammonta għal elfejn mija tnejn u erbgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€2,142.82);*

2. *Illi a kuntarju ta' dak dikjarat mill-intimat, wara li saret spezzjoni fuq il-garaxx inkwistjoni, l-iskema ġiet emendata minn waħda kummerċjali għal waħda domestika. Illi minkejja dan, l-intimat xorta waħda baqa' ma ħallas l-ebda ammont dovut minnu u dan kif se jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-ammont reklamat permezz tal-ittra uffiċjali intavolata taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għadu dovut fl-intier tiegħu;*

4. *Illi l-intimat ġie interpellat diversi drabi mill-esponenti sabiex iħallas l-ammont dovut iżda dan sar inutilment kif se jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Illi di piu' ma hemm l-ebda raguni valida għal din l-inadempjenza u a kuntratju ta' dak dikjarat fir-rikors tiegħu, l-intimat qatt ma kkontesta l-ammont dovut ar termini tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet kontra l-intimat inkużi dawk tal-ittra uffiċjali intavolata kontrieh mill-esponenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2018.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-intimat rikorrenti qed jikkontesta t-talba tar-rikorrenti intimata ghall-ammont dovut rigward servizzi tad-dawl u l-ilma u jeccepixxi preliminarjament l-preskrizzjoni taht l-Artiklu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Illi l-imsemmija eccezzjoni giet eccepita seduta stante fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, kif jirrizulta mill-verbal ta' l-istess, illi jghid: "*F'dan l-istadju Dr. Vassallo qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*".

**Provi**

Illi mid-dokumenti esebiti mis-soċjetà rikorrenti intimata permezz tan-nota a folio 14 sa 42 tal-process, li huwa kopja tal-file tal-intimat rikorrenti jirrizulta li sa mit-18 ta' Mejju 2009, il-meter reader kien ghamel nota li l-fond kien "not in use" (folio 17). L-istess Dokument igib ukoll timbru tal-Enemalta bid-data 25 ta' Gunju 2009, minn fejn jirrizulta li f'dik id-data l-Enemalta kienet ukoll infurmata li l-fond ma kienx qed jintuza. Fil-pagni sussegwenti jirrizultaw diversi formoli ta' aggustament fil-kont li jmorru lura ghas-sena 2004. A folio 42, gie prezentat Dokument iehor, li ukoll juri li l-fond kien "not in use" u dan sa mis-05 ta' April 2004.

Minkejja li gie esebit il-file imsemmi, s-soċjetà rikorrenti intimata ma esebiet l-ebda kont relattiv ghat-talba taghha.

Gie esebit biss "statement of account" Dok RB1 a folio 47 tal-process, minn liema jirrizulta li t-talba tmur lura ghall-kontijiet tas-sena 1997. Mhux biss izda sat-02 ta' Lulju 2010 ma sar l-ebda pagament. Mhux biss izda minn dik id-data sa meta gew istitwiti dawn il-proceduri ma sar l-ebda pagament iehor.

Jekk wiehed kellu jikkunsidra dan il-hlas ta' hamsin Ewro bhala validu, dan seta' jikser il-preskrizzjoni fir-rigward tal-hlas mitlub ghall-ahhar hames snin ta' qablu. Jigifieri m'hemmx dubju li l-ammont mitlub mis-06 ta' April 1997 sat-02 ta' Lulju 2005 huwa preskritt.

L-ahhar transazzjoni tal-imsemmi statement a folio 52 tal-process ggib id-data 05 ta' Dicembru 2015, jigifieri l-hlas dovut ghall-perjodu mit-02 ta' Lulju 2010 sal-05 ta' Dicembru 2010 huwa ukoll preskritt.

Sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni dwar jekk il-hlas mitlub ghall-hames snin qabel dak il-pagament hux dovut jew le wiehed irid jezamina l-validità o meno ta' dan il-pagament ta' hamsin Ewro. Minn naha tas-soċjetà rikorrenti intimata giet prezentata reprint datat 13 ta' Jannar 2016 tal-allegata ricevuta mahruga fit-02 ta' Lulju 2010, mmarkata RB2 a folio 56 tal-process. Dan id-Dokument ma jgib l-ebda firma tar-ricevitur tal-pagament u lanqas ta' min allegatament ghamel tali hlas. Ir-rapprezentant tas-soċjetà rikorrenti intimata, meta mistoqsi dwar dan id-Dokument, dwar minn hargu, minn ircieva l-hlas, min ghamel il-hlas u mistoqsijiet relattivi ma setax iwiegeb ghajr li l-informazzjoni li ghandu huwa dak biss li johrog minn din l-allegata ricevuta. Spjega ukoll li din hija kopja printjata mill-gdid mill-kompjuter u mhux kopja tal-ircevuta mahruga originarjament, jekk qatt sarx tali allegat pagament. Illi bir-rispett, tali Dokument ma jista' jkun qatt prova li sar l-allegat pagament, ghaliex kif ammess mill-istess soċjetà rikorrenti intimata dan lanqas ma hu kopja tal-original.

Minn naha tieghu l-intimat rikorrenti, fix-xhieda tieghu a folio 74 u 75 tal-process, jichad kategorikament illi huwa qatt ghamel tali pagament u qatt baghat lil xi hadd jaghmel tali pagament ghan-nom tieghu. Jesebixxi wkoll Dokument AB1 a folio 76 tal-process, minn fejn jirrizulta li s-servizz gie sospiz fis-16 ta' Awissu 2005 minn fejn jirrizulta li minn dik id-data 'l quddiem l-intimat rikorrenti ma kellux servizz.

**Kunsiderazzjonijiet**

**Illi din ic-cahda kategorika tal-intimat rikorrenti twaqqa' kompletament id-Dokument li gie prezentat mis-soċjetà rikorrenti intimata bhala ricevuta. Dan ghaliex ix-xhieda bil-gurament moghtija mill-intimat rikorrenti ghandha tghodd wisq aktar minn**

**dokument anonimu minn kull lat li wiehed ihares lejh, u tali dokument m'ghandux igorr u jigi moghti il-piz u meqjus bhala ricevuta.**

Illi fir-rigward tal-ammont reklamat ghall-ahhar hames snin qabel gew istitwiti dawn il-proceduri, ladarba is-soċjetà rikorrenti infisha ssospendiet is-servizz, meta l-obbligu taghha huwa li tipprovdi tali servizz, m'ghandhiex imbaghad tibbenefika fl-istess hin minn dan l-att unilaterali taghha, billi filwaqt illi ma tkomplix tipprovdi s-servizz tal-konsum, titlob xorta wahda l-hlas tal-kera tal-meters u l-imghaxijiet fuq l-istess. Dan ikun jikkostitwixxi arrikkiment indebitu, ingust u doppju fil-konfront tal-intimat rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tilqa' din l-eccezzjoni tal-intimat rikorrenti u tiddikjara it-talba tas-soċjetà rikorrenti intimata preskritta. Bl-ispejjez kontra l-istess soċjetà rikorrenti intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur